**8 ta' Mejju, 1991**

**Imħallef: –**

**Onor. Albert Manchè LL.D**

Il-Qorti

*versus*

Peter Cutajar *et*

**Disprezz għall-Awtorità tal-Qorti - Kostituzzjonalità tal-Proċeduri - Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem**

*Fi proċeduri għal disprezz lejn l-awtorità tal-Qorti, hija inkongruwenza proċedurali li l-Qorti tmexxi l-prosekuzzjoni kontra l-akkużat, tħarrek lix-xhieda u teżaminahom, u mbagħad tiġġudika lill-akkużat.*

*Proċediment bħal dan jilledi l-jeddijiet sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li tifforma parti mil-Liġi ta' Malta bis-saħħa ta' l-att XIV ta' l-1987.*

Il-Qorti: – Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-konvenuti ġew imħarka biex jgħidu għaliex ma għandhomx jiġu kkundannati bi ħtija ta' disprezz għall-awtorita ta' din il-Qorti għall-finijiet preskritti mid-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili (Kap 12) rigwardanti r-rispett dovut lejn il-Qorti u s-sanzjonijiet kriminali għall-ħtija ta' disprezz lejn l-istess awtorità tagħha u dan talli huma komplew jiddemolixxu l-fond Nru. 144, Tignè Street, Sliema u dan *nonostante* d-digriet tal-Qorti fil-Prim'Awla Ċivili

fejn ġew inibiti milli jkomplu jiddemolixxu l-fond jew jagħmlu xogħol ieħor mingħajr il-kunsens ta' Emmanuela Sinel, u ġew avżati li kemm-il-darba jonqsu u ma jidhrux fil-jum u ħin stabbilit huma jistgħu jiġu mġiegħla u miġjuba quddiem din il-Qorti bis-saħħa ta' mandat ta' arrest li jinħareġ kontra tagħhom f'dak l-istess jum jew jum ieħor skond kif u meta tordna din l-istess Qorti;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut Peter Cutajar li biha eċċepixxa:

1. Illi, preliminarjament, iċ-ċitazzjoni odjerna hija nulla fil-konfront tal-esponent, u għalhekk jitlob illi jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju, *stante* illi l-istess ċitazzjoni saret kontra persuna u identità żbaljata. liema żball ibiddel fis-sustanza l-azzjoni odjerna.

2. Illi, fil-mertu, u mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent m'għandux jiġi kkundannat bħala tali ta' disprezz lejn l-awtorità ta' din il-Qorti *stante* illi x-xogħol ta' demolizzjoni tal-fond tlesta qabel ma nħareġ id-digriet tal-Qorti għall-inibizzjoni tal-konvenuti milli jagħmlu l-istess;

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat ukoll id-dikjarazzjoni ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda tiegħu;

Rat il-verbal tat-12 ta' Novembru 1990 li bih Dr. Norval Desira għall konvenuti eċċepixxa l-inkostituzzjonalità tal-proċeduri odjerni a bażi tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europeja

kif applikata bid-disposizzjonijiet ta' l-Att Nru. XIV ta' l-1987 u għamel riferenza għas-sentenza mogħtija mill-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fis-7 ta' Diċembru 1990;

Ittrattat:

Ikkunsidrat:

Illi l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali bis-sentenza preċitata irriteniet *inter alia* illi hija inkongruwenza proċedurali li l-Qorti tikkonduċi l-prosekuzzjoni kontra l-akkużat, tħarrek ix-xhieda u teżaminahom. Dan kollu jillustra li l-Qorti neċessarjament taġixxi bħal kwalunkwe parti persekutanti u mbagħad fil-final issir il-ġudikant fuq dak li hija tkun ippersegwitat. Ma jidhirx li hemm bżonn li jiġi enfasizzat illi dan kollu ma jippermettix li t-trattazzjoni ta' kawża tista' tikkwalifika bħala proċedura imparzjali u ndipendenti;

Dik l-Onorabbli Qorti spjegat li l-proċedura korrenti bħal dik odjerna ġiet adottata fis-seklu l-ieħor b'interpretazzjoni żbaljata ta' frażi fl-artikolu 998 tal-Kap. 12;

L-istess sentenza mbagħad iddikjarat li l-proċedura bħal dik odjerna tilledi d-drittijiet fundamentali sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Europeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (Att. XIV tal-1987) u iddikjarat dak il-proċediment bħala null u infettiv u li għandu jiġi kanċellat;

Din il-Qorti għalhekk fuq l-iskorta tal-insenjament ta' l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali fuq riferit tiddeċidi billi għall-

istess raġunijiet fuq ċitati tiddikjara li l-proċediment odjern jilledi d-drittijiet sanċiti bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali li tifforma parti mill-Liġi ta' Malta bis-saħħa tad-disposizzjonijiet ta' l-Att Nru. XIV ta' l-1987; konsegwentement tiddikjara l-proċediment odjern null u bla effett u tillibera lill-konvenuti mill-osservanza tal-ġudizzju, salva kull-azzjoni oħra li tista legalment tispetta lill-parti interessata li tikkonsidra lilha nfisha leża fid-drittijiet tagħha bl-allegat disprezz lejn l-awtorità ta' din il-Qorti;